



Rapport Annwali 2013 - Mistoqsijiet Frekwenti

1. Il-QEA vvalidat il-kontijiet 2013?

Iva. Il-QEA vvalidat il-kontijiet 2013 bħala affidabbli (tat "opinjoni nadifa"), bħalma għamlet għal kull sena finanzjarja sa mill-2007 'l hawn. Il-QEA tikkonkludi li l-kontijiet 2013 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE u r-riżultati tagħha għas-sena.

Minbarra l-opinjoni dwar il-kontijiet, il-QEA hija meħtieġa wkoll tagħti opinjoni – ibbażata fuq l-ittestjar tal-awditjar tagħha – dwar jekk il-pagamenti ta' bażi sarux skont ir-regoli tal-UE. **Għall-2013, il-livell ta' żball stmat f'dawn it-tranżazzjonijiet reġa' kien għoli wisq f'livell ta' 4,7 % biex il-QEA tagħti opinjoni "nadifa" dwar ir-regolarità tal-infiq.**

2. Il-ġestjoni finanzjarja tal-UE qed issir aħjar?

Ir-rata ta' żball stmata ma nbidlitx ħafna matul dawn l-aħħar snin, iżda kienet konsistentement ogħla mil-"livell limitu ta' materjalità"ⁱ ta' 2 %. Is-sitwazzjoni tvarja minn qasam ta' politika għal ieħor, għalkemm hija aċċettabbli biss fin-nefqa amministrattiva tal-UE. ([Ara d-dijagramma](#))

Il-QEA rakkomandat kemm-il darba li jsir titjib fis-sistemi ta' kontroll fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE u li r-regoli jiġu ssimplifikati aktar biex titjeb il-kwalità tal-infiq u jitnaqqas il-livell ta' żball.

3. Mela xi tfigher ir-rata ta' żball stmata ta' 4,7 %?

4,7 % hija stima tal-ammont ta' flus li **ma kellux jitħallas mill-baġit tal-UE**, għax ma ntużax skont ir-regoli tal-UE, u għalhekk ma jikkonformax ma' dak li kien intenzjonat mill-Kunsill u mill-Parlament bil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-UE.

Żbalji tipiċi jinkludu **pagamenti għal beneficijarji jew proġetti li kienu ineliġibbli jew għax-xiri ta' servizzi, oġġetti jew investimenti mingħajr l-applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-akkwist pubbliku.** ([Ara d-dijagramma](#))

ECA Press

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu

[@EUAuditorsECA](https://twitter.com/EUAuditorsECA)

Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA)

eca.europa.eu

4. L-ammont totali tal-baġit tal-UE fl-2013 kien EUR 148,5 biljun u r-rata ta' żball kienet 4,7 %. Dan ifisser li ntlew EUR 7 biljun minn flus l-UE?

Fil-passat, xi kummentaturi mmultiplikaw il-baġit totali tal-UE bir-rata ta' żball u ħarġu b'total għal "flus moħlija". **Dan l-approċċ huwa simplistiku u jista' jkun qarrieqi.** Fl-ittestjar tagħha l-QEA tiċċekkja jekk flus l-UE ntefqux għall-iskop li għalih kienu intenzjonati, jekk l-ispejjeż iddebitati ġewx ikkalkulati b'mod xieraq, u jekk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ġewx issodisfati.

Xi wħud mill-iżbalji jinvolvu flus li ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà: pereżempju, appoġġ mogħti għal riċerka minn kumpanija kklassifikata bħala "żgħira jew medja", filwaqt li kienet totalment il-proprjetà ta' kumpanija kbira. Xi wħud jinvolvu ksur ta' regoli tal-akkwist, bħall-għoti ta' kuntratt addizzjonali ta' kostruzzjoni għal ajruport direttament lil kumpanija, mingħajr ma tingħata opportunità lil offerenti potenzjali oħra li jagħmlu l-offerti tagħhom bl-aħjar prezz possibbli.

F'dawn il-każijiet, jista' jkun li l-fondi tal-UE kellhom xi impatt pożittiv u pprovdew xi benefiċċju, anke jekk ma rrispettawx bis-sħiħ il-kundizzjonijiet relatati mal-użu minnhom. Min-naħa l-oħra, xi nfiq legali u regolari xorta jista' jkun ta' ħela, bħal awtostrada mibnija mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni għall-ħtiġijiet tat-traffiku.

5. Kif isiru l-iżbalji?

L-iżbalji jsiru meta l-benefiċjarji ma jikkonformawx mar-regoli meta jikklejmjaw finanzjament mill-UE. Biex ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-UE, il-benefiċjarji huma meħtieġa jikkonformaw ma' regoli speċifiċi tal-UE, u f'xi każijiet, ma' regoli speċifiċi nazzjonali. Dawn ir-regoli qegħdin stabbiliti biex jippruvaw jiżguraw li l-infiq iseħħ għall-iskopijiet intenzjonati mill-Kunsill u mill-Parlament.

L-iżbalji jsiru meta dawn ir-regoli jinkisru. Pereżempju, promoturi ta' proġetti li ma jirrispettawx ir-regoli tal-akkwist pubbliku jew ċentri tar-riċerka li jippreżentaw klejms għar-rimborż ta' spejjeż mhux marbuta mal-proġetti ffinanzjati mill-UE jew bdiewa li ma jonorawx l-impenji ambjentali tagħhom. Ir-Rapport Annwali 2013 jagħti eżempji ta' iżbalji li nstabu matul l-ittestjar tal-awditjar.

6. Jekk ir-rata ta' żball stmata għall-pagamenti hija 4,7 % għall-2013, dan ifisser li 95,3 % tal-baġit tal-UE ntefaq skont ir-regoli?

Le. L-opinjoni tal-QEA dwar l-infiq tal-UE hija bbażata fuq kampjun estensiv li jkopri l-oqsma kollha ta' nfiq. It-tranżazzjonijiet ikkampjunati jiġu awditjati fid-dettall u l-iżbalji misjuba jiġu kkwantifikati u użati għall-kalkolu ta' rata ta' żball stmata.

Iżda hemm ħafna iżbalji li l-QEA ma tikkwantifikax, bħal ksur inqas serju tar-regoli tal-akkwist, nuqqasijiet ta' konformità mar-regoli dwar il-pubbliċità, jew traspożizzjoni skorretta ta' direttivi tal-UE għal-liġi nazzjonali. Dawn l-iżbalji mhumiex inklużi fir-rata ta' żball stmata mill-QEA.

7. L-iżbalji li nstabu huma każijiet ta' frodi?

Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, le. Il-frodi hija att deliberat ta' qerq biex jinkiseb benefiċċju. Għalkemm, matul proċeduri tal-awditjar tas-soltu, jista' jkun diffiċli li jiġu identifikati każijiet ta' azzjonijiet deliberati biex titwettaq frodi, il-QEA ssib għadd ta' każijiet suspettati ta' frodi kull sena fl-ittestjar tal-awditjar tagħha. Dawn il-każijiet kollha jiġu rrapportati lill-OLAF, l-uffiċċju tal-Unjoni Ewropea kontra l-frodi, li jinvestiga u jsegwi kif meħtieġ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

8. Ta' min hu t-tort hawnhekk - l-Istati Membri jew il-Kummissjoni Ewropea?

Fl-aħħar mill-aħħar, it-tort jaqa' fuq dawk li jagħmlu klejms żbaljati għal finanzjament. Madankollu, is-sistemi ta' kontroll kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-UE għandhom qabelxejn jipprevjenu l-ipproċessar ta' tali talbiet, jew jaqbdhom u jikkoreġu wara li dan iseħħ. Skont l-awditu tal-QEA, dawn is-sistemi ta' kontroll huma – inġenerali – biss parzjalment effettivi. Huwa għalhekk li jkun hemm żbalji fil-pagamenti.

Il-QEA tistma r-rata ta' żball għall-infiq immaniġġjat b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'livell ta' 5,2 %. Għall-bqija tan-nefqa operazzjonali, li hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni, din hija 3,7 %. Instabu ħafna inċidenzi ta' dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-Kummissjoni.

Oqsma ta' ġestjoni kondiviża, bħall-infiq fl-agrikoltura u fil-koeżjoni, jirrappreżentaw 80 % tal-baġit tal-UE. Hemm il-potenzjal li s-sistemi ta' kontroll jintużaw b'mod aktar effettiv biex ir-rata ta' żball titnaqqas. Il-QEA kkonkludiet li għal proporzjon kbir tal-iżbalji misjuba, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jaqbd u jikkoreġu ħafna minnhom qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Dan kieku seta' jnaqqas b'mod sinifikanti r-rata ta' żball, pereżempju minn 6,7 % għal 2,0 % fil-qasam ta' nfiq ta' żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa.

9. Il-Kummissjoni tista' tikklejmja l-flus lura mill-Istati Membri, jekk dawn ikunu ntefqu ħażin. Dak kemm ikollu impatt fuq ir-rata ta' żball?

Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rata ta' żball stmata mill-QEA, jekk dawn jirkupraw pagamenti żbaljati li jkunu saru matul l-istess sena. Dan jiġri meta l-infiq skorrett ikun ġie identifikat u eskluż mid-dikjarazzjoni mibgħuta mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni u/jew ikun wassal għal irkupri mill-benefiċjarji matul is-sena. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati kultant biss.

Għall-2013, azzjoni korrettiva u ta' rkupru mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni kellha impatt pożittiv fuq ir-rata ta' żball stmata. Mingħajr din l-azzjoni, ir-rata kumplessiva ta' żball stmata kienet tkun 6,3 % minflok 4,7 %.

Il-perjodu ta' nfiq 2007-2013 ipprova inċentiv limitat biex l-Istati Membri jikklejmjaw b'mod korrett, peress li setgħu sempliċiment jirtiraw klejms żbaljati u jissostitwixxuhom bi klejms ġodda mingħajr, fil-biċċa l-kbira, ma jtilfu flus mill-baġit tal-UE. Ir-regoli li jirregolaw il-politika ta' koeżjoni matul il-perjodu l-ġdid 2014-2020 inaqqsu l-ambitu għal dan it-tip ta' prattika. L-impatt ta' din il-bidla għandu jidher fi nfiq futur.

10. X'tifhem b'“fokus fuq ir-riżultati”?

Il-manigġers finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri imisshom qed jagħtu aktar attenzjoni għal dak li qed jinkiseb mill-proġetti u l-attivitajiet iffinanzjati mill-UE, u mhux sempliċiment jikkonċentraw fuq jekk dawn ġewx ikkompletati skont ir-regoli. Pereżempju, infiq fuq ajruporti u toroq li n-nies verament se tuża u finanzjament ta' proġetti favur l-ambjent li tabilħaqq verament jgħinu l-ambjent.

IL-PAKKETT TA' INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA dwar ir-Rapport Annwali 2013 huwa disponibbli fi 23 lingwa tal-UE fuq www.eca.europa.eu

ⁱ Il-livell limitu ta' materjalità li taħtu l-iżbalji ma għandhomx impatt sinifikanti.